# Iż-Żmien Nofsani f'Malta... ...il-Mosta u lil hinn minnha



*Xi aspetti ta' interess*

*minn* ***Dr. Sandro VELLA*** *M.D., A.T.C.L., L.T.C.L., L.R.S.M.*

**Ħafna** jgħidulek li ż-żmien nofsani Malti (870-1530) mhux ta' min ifakkru. Għalihom, donnu qisu qatt ma kien. Forsi għax dan iż-żmien ma nistgħux norbtuh ma' xi mqades kbar u uniċi bħal dawk ta' Żmien il-Ħaġar jew mas-swar u l-palazzi li ħallewlna l-Ordni tas-Salib bi tmien Ponot. Madankollu, studjużi ta' l-istorja jfakkruna kif dan iż-żmien kien ukoll wieħed li sawwar ir-ruħ u l-ġmiel tal-wirt kulturali Malti, kif nafuh illum. L-iżvilupp ta' l-ilsien Malti, il-qawmien mill-ġdid tat-twemmin Nisrani u ta' l-istituzzjoni tal-Knisja f'pajjiżna kif ukoll l-ismijiet ta' tant inħawi fil-gżejjer Maltin huma biss ftit mill-iżviluppi li seħħew f'dan iż-żmien ta' faqar, għaks u ġuħ. Kien żmien li kompla welled l-identità kulturali tagħna u kompla jagħżilna bħala ġens għalih, tant li fi Trapani, in-nutara kienu diġà qegħdin iqisu lill-Maltin u l-Għawdxin bħala Nazzjon Malti. Sejrin nagħtu ħarsa lejn xi aspetti mill-ħajja ta' missirijietna f'dawk iż-żminijiet, bil-ħsieb li jiftakkru u jingħataw ġieħ, għax huma wkoll kellhom sehem minn dak kollu li jagħmilna wlied din il-gżira ċkejkna f'baħar kaħlan.

## L-irħula li għebu

Fost il-wirt medjevali tagħna, ma nistgħux ma nsemmux il-mijiet ta' ismijiet ta' rħula, irqajja ta' raba', ġonna, bjar, knejjes u mkejjen oħra mxerrdin ma' l-erbat irjieħ tal-gżejjer tagħna. X'uħud minn dawn l-ismijiet intilfu mal-medda tas-snin; oħrajn twaħħdu mal-ħajja u l-istorja soċjali, kulturali u agrikola ta' pajjiżna. Diversi studjużi, fosthom G.F. Abela, għamlu tfittix dwar irħula ċkejknin u oħrajn aktar imdaqqsa li bihom kienet miżgħuda Malta f'dawk iż-żminijiet. *("Della Descrittione di Malta, Isola nel Mare Siciliano" - 1647).*

Studju tal-Professur Wettinger jurina kif madwar sitta u għoxrin raħal żgħir għebu minn gżiritna fil-perijodu ta' bejn is-seklu ħmistax u tmintax, filwaqt li tletin kienu diġà għebu qabel is-sena 1419.

Fiż-żjajjar pastorali tiegħu ta' l-1575, il-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Duzina wkoll jirreferi għal dan iċ-ċaqliq li wassal għal għajbien ta' komunitajiet sħaħ insara, u l-ħolqien jew tkabbir ta' oħrajn f'inħawi aktarx aktar kennija. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi r-raħal tal-Mellieħa, li jidher li kien imwaqqaf bħala parroċċa fl-1436, għad li mhux magħruf sewwa sew jekk dawn l-inħawi esposti fit-tramuntana tal-gżira kienux tabilħaqq abitati.

Nistgħu nsemmu għadd imdaqqas ta' rħula llum ineżistenti: Ħal Dejf fl-inħawi tan-Naxxar, Raħal Tartani qrib Ħad-Dingli u Raħal Samudi fl-inħawi tal-Għargħur. Jidher li t-tliet irħula medjevali ta' Raħal Bisqallin, Raħal Biżbud u Raħal




***L-irħula li għebu: dawk immarkati 'x' qabel l-1419; * qabel l-1530; • qabel l-1800. Dawk immarkati 'o' huma villaġġi medjevali li baqgħu jeżistu.***
**(mill-ktieb 'Approaches to Medieval Malta,** *Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights'* **Anthony T. Luttrell, London, 1975).**

Ġwann ingħaqdu flimkien biex maż-żmien iffurmaw ir-raħal taż-Żejtun. Bl-istess mod, Raħal Mula, Raħal Muxi u Raħal Dwin ingħaqdu f'raħal akbar, dak ta' Ħaż-Żebbuġ.

Forsi aktar ta' interess għalina l-Mostin, minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom qrib l-Mosta tal-lum, insemmu l-irħula medjevali żgħar ta' Raħal Kalleja u/ jew Raħal Hobla/Hobula (l-istess raħal?), kif ukoll Hal Dimekk (jew Hal Dmiegħ), mibni fl-akkwati tal-kappella eżistenti ta' Sant'Andrija f'Tarġa Gap. Kien hemm ukoll Hal Sir, Hal Dragu u Hal Mlitt (Mlit), ta' l-aħħar bejn il-Mosta u n-Naxxar, fix-xaqliba li thares lejn Hal-Lija. Fi ktieb ieħor qadim (S, Pauli, Codice Diplomatico) jissemma raħal ieħor żgħir jismu Hal Muselmet, li kien magħqud mar-raħal tal-Mosta. Ta' min ifakkar ukoll lil Hal Mejn, Hal Dgħefif, kif ukoll Raħal Kirċipulli, ta' l-aħħar imwaqqaf fil-wâta ta' Ta' Qali. Dawn l-irħula għosfru mal-medda tas-snin, u jibqgħu biss tifkira tal-ħajja ta' l-imgħoddi għad li x'uħud mill-istess akkwati nbnew mill-ġdid frott żieda fil-popolazzjoni u d-domanda għad-djar fi żminijietna.

Diversi studji fosthom tal-lista ta' nies ingaġġati fid-Dejma madwar l-1419 u l-1420 jagħtuna ħjiel ta' l-għadd ta' nies li kienu jgħammru fl-irħula diversi. Hekk naraw kif madwar l-1419, kien hemm bejn sittin u sebgħin raġel minn Raħal Kalleja jew/u Raħal Mosta fid-Dejma. Ta' min jirrimarka kif, għad li n-numru ta' rġiel ingaġġati kien iżgħar minn dak tar-raħal tan-Naxxar (madwar disgħin), kien aktar imdaqqas minn irħula oħra qrib, ngħidu aħna Hal-Lija, Hal-Mann, Hal Sammut, H'Attard u Hal Balzan. Fl-1419, f'Raħal Mosta/Kalleja nsibu madwar 310 ruħ, filwaqt li f'Hal-Pessa/Dimekk insibu 165 ruħ, b'kollox madwar 475. Madwar l-1480, il-popolazzjoni baqgħet l-istess ta' madwar 482 ruħ.

## Il-kelma 'Raħal'

Forsi ftit jintebħu, jew aħjar jaħsbu dwar l-oriġini tal-prefiss "Hal" fl-isem ta' bosta mkejjen u rħula fi gżiritna. Anke hawn tidħol l-istorja medjevali Maltija. Jidher li dan il-prefiss huwa forma mqassra tal-kelma Maltija "raħal", kelma li ġejja minn oħra Għarbija " raħl" li tfisser post fejn "jiefqu n-nies" *("station or stopping place")*. B'hekk fil-kuntest Malti, il-kelma "raħal" ħadet dimensjoni ġdida u aktar wiesa'. Jidher li qabel l-1590, il-kelma shiħa "raħal" kienet titpoġġa qabel l-isem ta' l-akkwat partikulari (ngħidu aħna Raħal Kalleja jew Raħal Hobla). Kien wara dan iż-żmien li nsibu l-prefiss "Hal" użat b'mod aktar estensiv. Kif għidna aktar qabel l-istudju ta' l-oriġini ta' l-ismijet ta' bosta rhula u mkejjen oħra fi gżiritna wkoll jeħodna lura lejn dawn iż-żminijiet imbegħda. Huwa studju kkumplikat u ta' interess mhux żgħir. Ngħidu aħna "Raħal Lija" jidher li ħa ismu mill-kelma "Lia/Elija" filwaqt li Hal Muxi tnissel mill-isem "Mosè". It-tnejn kienu ismijiet komuni fost il-komunità Lhudija aktarx imdaqqsa fi gżiritna f'dawk iż-żminijiet.

Ismijiet oħra għandhom oriġini aktar Kristjana, ngħidu aħna Raħal Bisqallin (ir-raħal ta' Pasqualino), Raħal Niklusi (ir-Raħal ta' Nikola), Raħal Ġwann (ir-Raħal ta' Ġwanni). Ismijiet ta' rħula oħra jistgħu jfakkruna f'xi aspetti fiżiċi ngħidu aħna iż-Żurrieq (ta' għajnejn żoroq) u Hal-Bidni (li forsi jirreferi għal raħħala mibnija b'saffejn).

Harsa lejn il-lista tan-nies tad-Dejma tagħtina ħjiel ta' l-ismijet l-aktar komuni fil- Mosta f'dawk iż-żminijiet. Insemmu biss dawk ta' Xmun, Gullelmu, Antonio, Pawlu u Giovanni. Il-kunjomijiet l-aktar komuni kienu Galea (Galia) u Bartolo (Bartalu). Mhux magħruf jekk il-kunjom Pisani (Pisanu) huwiex derivattiv tal-kelma "Hal Pessa", raħal medjevali qrib il-Mosta.

Ta' min jinnota kif ftit li xejn insibu referenzi għall-irħula medjevali fit-tramuntana ta' gżiritna. Ir-raġunijiet jistgħu jkunu bosta fosthom waħda ta' nuqqas ta' dokumentazzjoni. Minkejja li l-art f'dawn l-inħawi kienet aktarx aktar fertili, dawn l-imkejjen, esposti għall-qilla ta' l-attakki tal-furbani ftit kienu joffru kenn lill-poplu fqajjar u mġewwaħ ta' dak iż-żmien. F'dawk iż-żminijiet l-uniċi nies jgħammru biswit il-baħar kienu dawk tal-Birgu, imħarsa mill-Kastell ta' Sant'Anġlu. Harsa lejn il-mappa turina wkoll kif, minkejja li xi rħula bħal Raħal Għal, Raħal Maxur, Raħal Niklusi u Raħal Qadu kienu qrib il-kosta, ftit kienu esposti għall-attakki minħabba ostakli ġeografiċi, ngħidu aħna l-irdum għoli.

Il-Maltin tal-Medju Evu sawwru l-irħula tagħhom l-aktar fl-imkejjen aktarx għoljin tal-gżira, ngħidu aħna n-Naxxar, Raħal Għargħur, Had-Dingli u Raħal Tartarni. L-għibien ta' bosta rħula medjevali jista' jiġi attribwit ukoll liċ-ċaqliq naturali ta' popolazzjoni ta' nies li tfittex għixien eqreb lejn u/jew ġewwa raħal aktar imdaqqas, fejn aktarx kien hemm servizz pastorali aktar adekwat, u forsi wkoll xi tabib jew spiżjar residenti. Tabilħaqq differenti mill-ħajja komda tal-lum f'pajjiż miżgħud bi knejjes ta' kull għamla u daqs għad li mgħammar minn poplu aktar materjalista moqdi b'servizzi tant effiċjenti f'kull qasam!

## Id-Dejma

Sabiex jilqgħu l-attakki tal-ħallelin tal-baħar, kif ukoll biex ikunu jistgħu jitqabdu ma' l-għedewwa Torok, fiż-żminijiet tan-nofs ġiet imwaqqfa 'id-Dejma'. Kienet imwaqqfa wkoll l-'Angara' - korp għall-ħarsien tas-swar tal-pajjiż. Id-Dejma kienet korp militari magħmul mill-Maltin u barranin residenti f'pajjiżna. Kull raġel b'saħħtu ta' bejn is-sittax u l-ħamsa u sittin sena kellu jagħti sehmu; il-qassisin, nisa u tfal kienu eżentati. It-taħriġ kien isir nhar ta' Hadd u fil-festi, u min ma kienx imur kien ikollu jħallas multa. Harsa lejn id-dokumenti turina kif wieħed Mosti minn tad-Dejma kellu jipprovdi żiemel jew bhima oħra tajba għall-irkib, forsi għax kien aktar tat-tajjeb mill-bqija. Id-Dejma kienet maqsuma



*Il-kappella antika tan-Nativitá, li tinsab f'Sant Anġlu. Kienet iddedikata lill-Madonna mill-Konti Ruġġieru.*

lejn is-snin 869-870, it-twemmin Nisrani batta mhux ftit, kif jixhed in-nuqqas ta' ħjiel ta' knejjes, statwi, oqbra, pittura jew xi forom oħra ta' wirt arkeoloġiku jew kulturali Nisrani f'dawk iż-żminijiet. Kien biss mal-miġja tal-Konti Ruġġieru fl-1090 u partikolarment mal-waqgħa għal kollox ta' gżiritna f'idejn in-Normanni fl-1127 li l-Kristjaneżmu f'Malta reġa' ħa r-ruħ.

L-ewwel riferenza għal isqof responsabbli minn dawn il-gżejjer ċkejkna teħodna lura għas-sena 1168. Dawn l-isqfijiet qajla kienu jgħammru hawn jew iżuruna. Sas-sena 1250, jidher li kważi erbgħin fil-mija tal-Maltin kienu Misilmin u għalhekk ma kinitx ħaġa tqila għall-Kapitlu Katidrali li jieħu ħsieb il-kura ta' l-erwieħ mill-katidral. B'hekk nistgħu ngħidu li Malta kienet paroċċa waħda. Naraw kif fl-1270 id-djoċesi kienet organizzata tajjeb, immexxija minn arċidjaknu bis-sehem tal-kantur u l-kanoniċi. Hekk kif l-għadd ta' Nsara reġa' beda jiżdied, bdew jinbnew għadd kbir ta' knejjes u kappelli. Qajla kienu jeżistu kappelli qabel l-1350 filwaqt li sas-sena 1575, hemm id-dokumentati madwar 430 kappella[1]. Ħafna minn dawn l-imkejjen ta' qima aktarx ċkejkna kienu mxerrda qatgħet qatgħet fil-kampanja.

Il-biċċa l-kbira minnhom kienu ta' sidien minn fost in-nies, jinfetħu biss xi darba f'sena fil-festa tal-qaddis jew qaddisa patruna. Knejjes oħrajn kienu tal-poplu u kellhom prokuratur biex jieħu ħsiebhom. Għad li ħafna mill-knejjes għosfru u nbnew oħrajn flokhom fl-istess sit, ħafna għadhom iddedikati lill-istess qaddis jew qaddisa patruna meqjuma b'għożża fil-Medju Evu.

Jidher li l-ħakma ta' l-Għarab f'pajjiżna għamlet wisq ħsara lis-sengħa tal-bini u t-tħaddim tal-ġebla lokali fil-ħolqien ta' strutturi arkitettoniċi. Minħabba f'hekk, ħafna mill-eqdem knejjes tal-Medju Evu kienu jinsabu ġewwa xi għar, bħal dak tal-Mellieħa. Għerien oħra tħaffru f'lokalitajiet fejn il-blat kien artab biżżejjed biex jippermetti dan, kif naraw ir-Rabat.

Fost l-eqdem knejjes tal-Medju Evu nsemmu tnejn f''Tal-Baqqari' fil-limiti taż-Żurrieq u li minnhom baqa' biss xi ftit fdalijiet. Waħda minn dawn kienet iddedikata lill-Lunzjata. Fil-Birgu jissemmew il-knisja ddedikata lil Sant'Anġlu, imwaqqfa diġà sas-sena 1274, kif ukoll oħra ddedikata lil Santa Marija. Din ta' l-aħħar, jidher li hija l-istess knisja mħaffra fil-blat li tinsab fil-forti ta' Sant'Anġlu u li llum hija ddedikata lit-twelid tal-Verġni Marija. Fl-1296, insibu tagħrif dwar kappella oħra ddedikata lill-Assunta fuq il- gżira ta' Kemmuna.

## Knejjes magħrufa

Fost l-aktar knejjes medjevali magħrufa fi gżiritna nsemmu l-knisja ta' l-Annunzjata f'Ħal Millieri, u l-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ - it-tnejn mibnija madwar is-sena 1480, kif ukoll dik qadima ta' Santa Katerina (magħrufa bħala ta' San Girgor) fiż-Żejtun mibnija fl-1492 fuq is-sit ta' knisja eqdem tas-seklu tlettax.

Dawk il-knejjes aktar imdaqqsa, ngħidu aħna dik f'Bir Miftuħ, kienu jaqdu għadd ta' rħula fil-qrib u għalhekk ma nbnewx f'raħal partikulari iżda fil-kampanja biex jaqdu l-ħtiġijiet ta' għadd akbar ta' raħħala fl-istess ħin. Il-kanoniċi tal-Katidral kellhom jibdew jinżlu jaqdu n-nies fl-irħula jew inkella jqabbdu rettur minflokhom. Is-sistema tal-parroċċi setgħet iddaħħlet fi żmien l-Isqof Neriku ta' Cefalù ta' l-Ordni tal-Minuri (1334 - 1342), li għex u miet f'Malta, u għalhekk setgħa jara b'għajnejh l-ħtiġijiet tan-nies ta' l-irħula. Hekk ngħidu aħna fl-1402 insibu ħjiel ta' parroċċa f'Birkirkara. F'dik is-sena kien miet il-kappillan Dun Xmun de Sciacco, li kien ukoll id-dekan tal-katidral. Fl-1419, insibu referenza oħra għal parroċċa f'Ħal Tartarni.

L-aktar dokument li jitfa' dawl fuq it-twaqqif u l-organizzazzjoni tal-parroċċi f'Malta huwa dak intitolat *"Quinterniolus pro concordia taxarum"* - magħruf fl-istorja bħala r-'Rollo ta' De Mello'. Fl-1436, l-Isqof ta' Malta Senatore de Mello di Noto (1432 - 1445) ordna minn Sqallija li jsir inventarju tal-benefiċċji[2] kollha eżistenti fil-gżejjer tagħna wara kwistjoni li nqalgħet dwar ir-rata ta' tassazzjoni mposta fuq il-kleru Malti u Għawdxi f'dawk iż-żminijiet. It-tagħrif għal dan l-inventarju ngabar minn erba' kanoniċi tal-Kapitlu Katidrali: Don Mattheus Zammit, Don Andreas de Turris, Don Nicolaus Lombardo u Dun Antonius de Astis.



*Il-kappella ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ, limiti tal-Gudja.*

## Għaxar returati jew *cappelle*

F'dan id-dokument naraw kif Malta f'dawk iż-żminijiet kienet maqsuma f'għaxar returati msejħa *"cappelle"* bil-kappella jew knisja f'nofs kull wieħed isservi għall-kura ta' l-erwieħ *("cura animarum")* fl-irħula tal-qrib.

Dawn l-għaxra, bil-lokalitajiet li kienu jservu kienu:

**in-Naxxar**, bil-Mosta, Ħal Għargħur, Ħal Sammut u Ħal Kalleja;

**Birkirkara**, b'H'Attard, Ħal Lija, Ħal Balzan, Ħal Bordi, Ħal Mann u Ħal Kaprat;

**Ħal-Qormi**;

**Santa Marija ta' Bir Miftuħ**, bil-Gudja, Ħal Saflieni, Ħal Għallun, Ħal Tarxien, Ħal Luqa, Ħal Farruġ, l-Imqabba, Ħal Kirkop u Ħal Safi;

**Santa Katerina (iż-Żejtun)**, b'Bisqallin, Ħal Biżbud, Ħal Ġwann, Ħal Għaxaq, Ħaż-Żabbar u Ħal Tmin Assant;

**Is-Siġġiewi**, b'Ħal Kbir, Ħal Xluq, Ħal Qdieri u Ħal Tabuni;

**Ħaż-Żebbuġ**, b'Ħal Muxi, Ħal Mula*u Ħal Dwin;

**Iż-Żurrieq**, bil-Qrendi, Ħal Millieri, Ħal Lew, Bubaqra u Baqqani;

**Santa Duminka**, b'Ħad-Dingli, Ħal Tartarni u Gomerino;

**Il-Mellieħa**, b'Ħal Dragu, Ġebel Għażara, Ġebel Manikatu (il-Wardija), Ħal Pessa u Ħal Dmigħ.

| CAPPELLA | 1419 | 1436 | 1480 |
|---|---|---|---|
| Mdina | 950 | (1000) | 1480 |
| Rabat | 1170 | 1198 | 1391 |
| Naxxar | 985 | 865 | 1627 |
| Birkirkara | 920 | 960 | 1347 |
| Qormi | 510 | 580 | 592 |
| Birmiftuħ | 750 | 722 | 958 |
| Żejtun | 550 | 675 | (700) |
| Siġġiewi | 730 | 675 | 754 |
| Żebbuġ | 515 | 531 | 845 |
| Żurrieq | 605 | 580 | 943 |
| Dingli | 325 | 104 | 169 |
| Birgu | (104) | 104 | (104) |
| ***ESTIMATED TOTAL*** | ***8339*** | ***8098*** | ***10633*** |

***L-għadd ta' nies jgħammru fil-Cappelle fis-snin 1419-1480. (mill-ktieb 'Malta in 1530' ta' S. Fiorini, Victor Mallia Milanes (Ed), Hospitaller Malta 1530-1798; 1993).***

Ma' dawn l-għaxar parroċċi fil-kampanja kien hemm il-*cappella* jew parroċċa ta' San Pawl *"di fora"* barra s-swar fir-Rabat, kif ukoll il-*cappella* ta' San Lawrenz fil-Birgu. Sal-1536, Ħad-Dingli u l-Mellieħa ma kienux għadhom jeżistu bħala rħula jew'*casali* iżda l-Mellieħa baqgħet tissemma' bħala parroċċa żgur minħabba l-fama li kellha marbuta mas-santwarju qadim u għażiż tal-Madonna.

Ir-*Rollo ta' De Mello* jagħtina ħjiel tal-qaddisin protetturi ta' tlieta biss minn dawn il-*cappelle*, jiġifieri San Pawl fir-Rabat, Santa Duminka f'Ħal Tartarni/Dingli u Santa Katerina f'raħal Bisqallin/raħal Biżbud. Huwa magħruf ukoll kif fl-1402 il- *cappella* ta' Birkirkara kienet taħt il-ħarsien tal-Verġni Assunta kif ukoll ta' Sant'Elena. Madwar dik is-sena, din il-parroċċa kienet imxiet mill-kappella ta' Sant'Elena, fin-naħiet tal-Għargħur (San Ġwann tal-lum), għall-knisja ta' Santa Marija (magħrufa fi żminijietna bħala 'il-qadima'), akkwat aktar milħuq mill-parruċċani ta' dak iż-żmien.

Tmienja mill-kappillani tal-parroċċi tal-kampanja (dawk taż-Żurrieq, San Pawl *di fora*, il-Birgu, Bir Miftuħ, in-Naxxar, Birkirkara u Santa Katerina) kienu kanoniċi fil-katidral. It-titlu tagħhom kien *Donnus* jew *Don*, ngħidu aħna Don Nicolaus de Bordino. L-erbgħa l-oħra, jiġifieri dawk tal-Mellieħa, is-Siġġiewi, Ħal-Qormi u Santa Duminka, kienu jservu fil-katidral bħala qassisin bit-titlu ta' *Presbiter* jew'*Clericus*. Wieħed minn dawn ta' l-aħħar kien fil-fatt patri. Il-kappillan maġġur tal-katidral kien ukoll kappillan tal-kappella ta' San Pawl tar-Rabat, li kienet l-akbar parroċċa ta' Malta u l-iktar li kienet tirrendi dħul (25'*uncie*)[3]. L-anqas li kienu jirrendu dħul kienu l-parroċċi tal-Birgu, tal-Mellieħa u ta' Santa Duminka (2 *uncie*). L-akbar kappella tal-kampanja kienet dik ta' Birkirkara. Tista' tgħid li l-kapillani jew retturi ta' dawn il-knejjes kienu jgħixu minn fuq dan id-dħul. Kienu wkoll idaħħlu xi ħaġa mingħand ir-raħħala fqajra bħala ħlas għall-amministrazzjoni tas-sagramenti. Xi wħud, bħall-kappillan ta' Ħaż-Żebbuġ li kien jagħmel u jbiegħ il-moxtijiet, kienu jagħmlu xi xogħol ieħor żgħir biex iżidu d-dħul tagħhom.

F'dawn il-*cappelle* jew aħjar parroċċi setgħu jiġu amministrati s-sagramenti mill-qassisin li issa setgħu, u saħansitra ppreferew, jgħixu qrib il-poplu t'Alla. Mal-mogħdija tas-snin dawn il-kappillani bdew biex ngħidu hekk jinfatmu mir-rabta tagħhom mal-katidral billi jopponu kull amar li jattendu għas-servizzi fit-tempju ewlieni tad-djoċesi.

Ta' min ifakkar ukoll kif ħafna mill-ġid li għandha jew kellha sa dan l-aħħar il-knisja f'pajjizna huwa wirt iż-żmien tan-nofs, kif huma wkoll xi wħud mill-prebendi jew fundazzjonijiet għall-kanonikati, ngħidu aħna l-prebendi ta' Bir it-Twil, ta' Għar Barka, ta' Bir iż-Żgħir u ta' Riħanija.

Il-Medju Evu kien żmien il-miġja ta' l-ordnijiet reliġjużi f'pajjiżna. Insemmu l-patrijiet Franġiskani li waslu f'Malta fl-1372 u dawk Agostinjani li kienu waqqfu kunvent f'pajjiżna sas-sena 1413. Id-Dumnikani, il-Karmelitani u s-sorijiet Benedittini jidher li kienu waslu sa madwar nofs is-seklu ħmistax. Ta' l-ewwel, jiġifieri d-Dumnikani, bnew il-knisja tagħhom fir-Rabat fl-1505, filwaqt li akkwistaw dar oħra fil-Birgu fl-1527. Lejn tmiem is-seklu ħmistax, naraw il-wasla tal-patrijiet ta' Ġieżu. Ta' min isemmi li l-patrijiet damu ma stabbilixxew ruħhom f'Malta meta tqis illi fi Spanja kienu minn ta' quddiem nett biex jissieltu kontra l-Islam.

Ta' min jinnota kif dawn ir-reliġjużi, b'eċċezzjoni tas-sorijiet Benedittini li waqqfu l-kunvent tagħhom fl-Imdina, stabbilixxew ruħhom fis-subborg tal-belt siekta, jiġifieri r-Rabat.

## Il-parroċċa tal-Mosta

Xi ngħidu għall-qagħda reliġjuża tal-poplu tal-Mosta u l-akkwati f'dawn iż-żminijiet? Tagħrif ftit li xejn għandna iżda nsibu referenza għal devozzjoni lejn xbieha għażiża tal-Verġni Marija meqjuma f'kappella f'Wied is-Sir. Xi naqra saram u mġieba mhix xierqa qatt ma tonqos, u fl-1479 insibu l-qari ta' bandu li pprojbixxa kull logħob ta' l-azzard fil-Mosta u fl-inħawi ta' madwar. Kif għidna, billi l-Mosta kienet żgħira wisq biex titwaqqaf bħala parroċċa, il-bdiewa fqajra u aktarx ħawtiela kienu taħt il-kura spiritwali tal-*cappella* jew parroċċa tan-Naxxar, fid-dell tal-knisja katidrali ta' l-Imdina fuq in-naħa tal-punent. Kien biss fis-16 ta' Settembru tas-sena 1608, fi żmien il-ħakma ta' l-Ordni ta' San Ġwann, meta b'popolazzjoni ta' madwar disa' mitt ruħ ġiet imwaqqfa l-parroċċa tal-Mosta b'digriet ta' l-isqof Tumas Gargallo.

## Xhieda ta' identità nazzjonali

Il-faqar, l-għaks, il-ġuħ, il-mard, is-superstizzjoni, l-injuranza, il-biża' mill-attakki tal-furbani u mitt saram ieħor żgur li jnaffru kull xewqa li gżiritna terġa' lura għaż-żminijiet tan-nofs. Iżda l-ħarsa ħafifa li tajna tiftaħ tieqa ċkejkna fuq l-imgħoddi li f'tant aspetti għadu magħna u ngħixuh ta' kuljum fi żminijietna. Huwa wirt ħaj ta' dan in-nazzjon Malti, li fil-kliem meqjus tal-poeta ta' żmienna l-Prof. Oliver Friggieri[4] huwa:

*"Nazzjon li tela' u nizel ma' kull mewġa,*
*nazzjon li baħħar ma' l-irjieħ taż-żmien,*
*nazzjon li beka u feraħ bla ma nesa,*
*dil-ħolma li wasslitu sal-ħelsien.*

*Nazzjon qalbien li jemmen fih innifsu,*
*nazzjon li jrid ix-xogħol, il-ħaqq u s-sliem,*

*nazzjon qadim li qam f'żerniq ewlieni,*
*nazzjon żagħżugħ li jħares 'il quddiem."*

**Noti:**

1. Il-Professur Godfrey Wettinger jirreferi għal 'il fuq minn elf kappella f'Malta fiż-Żmien Nofsani. Fl-1575, il-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Duzina kien sab illi ħafna minn dawn il-kappelli kienu fi stat ħażin ħafna. Tant li 222 minnhom ma kellhomx bieb, 49 kienu waqgħu jew ġew ikkundannati, 17 kellhom soqfa iqattru u ħafna minnhom kienu neqsin mill-aktar ħtiġijiet essenzjali.
2. Benefiċċju huwa kariga ekkleżjastika bi dmirijiet u dħul marbutin magħha. Dan id-dħul finanzjarju ħafna drabi kien jiġi minn propjetà.
3. Id-dħul tal-*cappelle* kien kif ġej:

| | |
|---|---|
| San Pawl *di fora* | 25 *uncie* |
| Birkirkara | 20 *uncie* |
| Naxxar | 18 *uncie* |
| Bir Miftuħ | 15 *uncie* |
| Santa Katerina (Żejtun) | 13 *uncie* |
| Siggiewi | 13 *uncie* |
| Zurrieq | 12 *uncie* |
| Qormi | 12 *uncie* |
| Żebbuġ | 11 *uncie* |
| Birgu | 2 *uncie* |
| Mellieħa | 2 *uncie* |
| Santa Duminka | 2 *uncie* |

4. Din hija silta mill- poeżija "L-Għanja ta' Malta."

**Referenzi:**


a) ***Antoloġija ta' Versi Patrijottiċi***, miġbura minn Tony Cortis, *Dipartiment ta' l-Informazzjoni, Malta, 1989.*

b) Rev. Joseph Bezzina: ***It-Twaqqif tal-Parroċċi: f'Malta taħt is-Slaten ta' Sqallija (1127 - 1530) - L-Istorja tal-Knisja f'Malta***, *Kullana Kulturali (Pubblikazzjoniet Indipendenza).*

c) Mario Buhagiar: ***The First Maltese Parish Churches - Treasures of Malta***, *Vol. IX, No. 1, ( 2002).*

d) Joseph Busuttil, Stanley Fiorini: ***The Rollo de Mello (1436) and The Will of Don Bernardus Yaner (1442)*** - *Melitensium Amor: festschrift in honour of Dun Ġwann Azzopardi: edited by Toni Cortis, Thomas Freller and Lino Bugeja, 2002..*

e) S. Fiorini: ***Malta in 1530***, *Victor Mallia Milanes* (Ed), *Hospitaller Malta 1530-1798* (1993).

f) E.R. Leopardi: ***Bandi, Transactions of the Consiglio Popolare, etc. of the XV Century*** - *Melita Historica, Vol. 2, No 4, (1959).*

g) Anthony T. Luttrell: ***Approaches to Medieval Malta***, *A.T. Luttrell (Ed): Medieval Malta - Studies on Malta before the Knights (London, 1975).*

h) A. Luttrell (Ed): ***Ħal Millieri: A Maltese Casale, it's Churches and Paintings*** *(Malta, 1976).*

i) Leonard Mahoney: ***5000 years of Architecture in Malta*** *(Valletta Publishing,1996).*

j) Michael A. Sant: *Il-Mosta fiż-Żminijiet tan-Nofs - Xi ħjiel ta' tagħrif li nsibu:* ***Publikazzjoni tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, Mosta***, *1996.*

k) Michael A. Sant: *Mosta Through the Ages:* ***Mosta, The Heart of Malta*** *(Midsea Publications/Vassallo Builders Group, 1996).*

l) E.B. Vella: ***Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha***, *miġbura minn E.B. Vella u oħrajn (1972, i.e. 1986).*

m) Godfrey Wettinger: ***The Lost Villages and Hamlets of Malta***, *A. T. Luttrell (Ed) Medieval Malta - Studies of Malta before the Knights (London, 1975).*

n) Godfrey Wettinger: ***The Militia List of 1417-20 - A New starting point for the study of Malta's population***, *Melita Historica, Vol. V, No. 2 (1969).*

o) G. Wettinger: ***The Militia Roster of Watch Duties of 1417***, *The Armed Forces of Malta, Journal, 32 (Ottubru 1979).*

p) G. Wettinger: ***Malta fiż-Żmien Nofsani***, *Kungress Nazzjonali - l-Identità Kulturali ta' Malta, (Dipartiment ta' l-Informazzjoni, 1989).*